


Għeżież ġenituri u *carers*, il-Malti jgħid, iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Dan huwa minnu għaliex diġa qegħdin fix-xahar ta' Novembru. L-ewwel xahar u ġimgħa ta' ħidma fl-iskejjel tagħna tar u issa qed nirrankaw fit-tagħlim u esperjenzi li kull sena skolastika toffri.

Żgur li matul din is-sena ser ikun hemm waqtiet fejn ikollna nagħmlu deċiżjonijiet! Kif għandna niddeċiedu? Meta? Dejjem waħedna deċiżjoni nieħduha? Nistgħu dejjem naħsbu fina nfusna meta niddeċiedu? Lil min ser naffetwa bid-deċiżjoni tiegħi? Nemmnu li dawn huma mistoqsijiet li kulħadd xi darba jew oħra jistaqsi.

## Niddeċiedi.

1. Fil-bidu tal-ġurnata aħna niddeċiedu ħafna affarijiet li jinfluwenzaw il-kumplament tal-ġurnata tagħna. Jekk niddeċiedu li nkellmu lil kull min niltaqgħu miegħu b'ton ġentili u kemm jista' jkun inżommu l-paċenzja, hemm ċans ikbar li nħossuna iktar kuntenti.

2. Nistgħu niddeċiedu li nippruvaw naraw is-sabiħ f'dak kollu li jiġrilna. Fuq il-post tax-xogħol, mal-ħbieb, mal-familja, waqt li qed insuqu. Min jaf, jista' jkun inħossuna ftit iktar kalmi jekk jirnexxielna?

3. Tgħid ta' min niddeċiedu li naċċettaw lil kulħadd kif inhu? Forsi mhux dejjem faċli, imma żgur li jekk jirnexxielna nagħmluha faċli għal ħaddieħor biex jaċċettana kif aħna lilna wkoll!

4. Ta' min niddeċiedu li nemmnu li għandna ħafna tajjeb u sabiħ, biex naslu li naraw is-sabiħ fl-oħrajn ukoll. Ma jfissirx li ma nkunux konxji bid-difetti tagħna.

5. Meta niddeċiedu li s-sbuħija tal-karattru hija ferm iktar importanti mid-dehra ta' barra, nkunu lesti li nirrispettaw tassew lil xulxin.

6. Inkunu pożittivi. Nies nagattivi qatt ma jsibu soluzzjoni u jispiċċaw ikabbru l-problemi tagħhom. Jippreferu jgergru, jqasqsu u jkunu pessimisti. Minflok tgerger li hemm id-dlam, mur ixgħel imqar sulfarina!

7. Persuna li ma tiddeċiedi qatt, tibqa' dejjem fid-dubju u inkwetata. Dan ikompli joħloq problemi, inkwiet u aggressjoni. L-istorja tal-bniedem, kollha magħmula minn deċiżjonijiet. Iżda, biex tiddeċiedi, trid tkun taf tgħid le, taf titlef xi vantaġġ jew valuri biex tirbaħ lil ħaddieħor.

Kliem għaref ta' Madre Teresa:-

**"Mhux kulħadd jista' jagħmel affarijiet kbar, imma kulħadd jista' jagħmel ħafna affarijiet żgħar b'ħafna mħabba"**

Tislijiet,
*SĠPC – PSCD Team – Elisa Vassallo, Graziella Vella, Maria Falzon, Suzanne Mamo*

*****